MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2003

Numru. 817/2003

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)
vs
Remy' Bruno Boum

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmi, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fit-3 ta' Ottubru 2003 u jiem qabel, f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ittanta jaghmel qliegh, wera dan bi hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta tieghu.  Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309, 41 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni;

Il-Qorti wara illi wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-Ligi ta’ l-ammissjoni tieghu, u tatu zmien xieraq sabiex jahsibha semghetu jinsisti li ried jirregistra ammissjoni;

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli  41, 308, 309, 392 u 392 A tal-Kap. 9, issibu hati ta’ din l-imputazzjoni;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni,  irregistra ammissjoni biex b’hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni, ghandu fedina penali netta, u hadd ma sofra danni kawza ta’ dan l-incident;

Ghalhekk il-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qeghda tigi sospiza ghal tlett snin mill-lum;

Il-Qorti tiddikjara, ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perijodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 392A tal-Kap. 9, tordna illi l-atti, flimkien ma kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 401 (3) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------